

Brussell, 16 ta' Ġunju 2025
(OR. en)

9619/1/25
REV 1

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0091 (BUD)

BUDGET 15

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Suġġett: Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1 għall-baġit ġenerali 2025: Dħul tas-surplus tas-sena finanzjarja 2024: Pożizzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2025

I. INTRODUZZJONI

Fid-9 ta' April 2025, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill l-abbozz ta' baġit emendatorju (ABE) Nru 1 għall-baġit ġenerali 2025 dwar l-ibbaġitjar tas-surplus li jirriżulta mill-implimentazzjoni tas-sena baġitarja 2024¹.

L-implimentazzjoni tas-sena baġitarja 2024 turi *surplus* ta' EUR 1 344.53 miljun li jirriżulta minn:

(a) eżitu pożittiv fil-parti tad-dħul tal-baġit (+EUR 1 071.99 miljun), li minnhom:

- Titolu 1 (Riżorsi proprji): -EUR 123.13 miljun
- Titolu 2 (Surpluses, bilanċi u aġġustamenti): +EUR 36.19 miljun
- Titolu 3 (Dħul Amministrattiv): +EUR 83.78 miljun

¹ Dokument 7817/25.

- Titolu 4 (Dħul Finanzjarju, imgħax ta' inadempjenza u multi): +EUR 1 210.71 miljun
- Titolu 6 (Dħul, kontribuzzjonijiet u refużjonijiet relatati ma' politiki tal-Unjoni): -EUR 135.55 miljun

(b) sottoimplimentazzjoni fil-parti tan-nefqa tal-baġit (-EUR 272.54 miljun), b'mod partikolari ta':

- approprjazzjonijiet awtorizzati fil-baġit tal-2024 (il-Kummissjoni u istituzzjonijiet oħrajn): -EUR 77.84 miljun
- kanċellazzjoni ta' approprjazzjonijiet riportati minn snin preċedenti (il-Kummissjoni u istituzzjonijiet oħrajn): -EUR 151.06 miljun
- varjazzjonijiet fir-rata tal-kambju fuq in-nefqa: -EUR 43.63 miljun

L-ibbaġitjar ta' dan is-surplus ser inaqqas għaldaqstant il-kontribuzzjoni globali tal-Istati Membri għall-finanzjament tal-baġit tal-UE fl-2025.

II. **KONKLUŻJONI**

Fis-16 ta' Ġunju 2025, il-Kunsill adotta l-pożizzjoni tiegħu dwar l-ABE Nru 1 għall-baġit ġenerali tal-2025 kif jinsab fl-anness tekniku li jinsab fl-Addendum 1 ta' dan il-memorandum ta' spjegazzjoni.
